# IŻ-ŻJARA TAL-GRAN MASTRU TAL-ORDNI



Fis-seduta ġenerali li l-Kumitat Festi Esterni Cospus Domini u San Pawl għamel ftit qabel il-festi tal-1989 il-W.R. Arcipriet Dun Benny Tonna ħabbar li kien għadu kif ġie infurmat li lejn l-aħħar ta' Mejju kellu jiġi Malta il-Gran Mastru il-ġdid tal-Ordni Sovran Militari u Ospitalier ta' San Ġwann, Fra Andrew W.N. Bertie. Dak in-nhar l-Arcipriet qal li kellu jiġi konfermat kemm il-darba il-Gran Mastru kellu jżur il-Grotta u l-Kolleġjata ta' San Pawl. Wara xi żmien dan ġie konfermat mill-awtoritajiet u sirna nafu wkoll li iż-żjara tal-Gran Mastru lill-Ġrotta kellha sseħħ propju fit-28 ta' Mejju, nhar il-festa ta' Corpus, eżatt wara dħul tal-purcissjoni.



*Il-Gran Mastru fil-Grotta ta' San Pawl*

Il-Gran Mastru wasal Malta il-Ġimgħa 26 ta' Mejju flimkien ma delgazzjoni li kienet tinkludi wkoll il-Gran Kancillier, ir-Riċevitur tat-Teżor Komuni u ic-Ċerimonier. Huma ġew milqugħa fl-ajruport ta' Ħal-Luqa mill-President ta' Malta Ċensu Tabone, flimkien mal-Prim Ministru u l-Arċisqof ta' Malta. Matul iż-żjara tiegħu hu żar l-Isptarijiet, l-Universita, il-Bank tad-Demm, il-kunvent tas-sorijiet tal-Ordni Gerosolmitan u Għawdex.

Imbagħad il-Ħadd 28 ta' Mejju wara li assista għal quddiesa pontifikali flimkien mal-Assocjazzjoni Maltija ta' l-Ordni fil-Kattidral ta' San Ġwann telgħa ir-Rabat għall-żjara lill-Kolleġjata tagħna. Il-folla

kbira li kienet għadha kif attendiet għal pucissjoni ta' Corpus baqgħet miġbura fil-pjazza ta' San Pawl tistenna il-wasla tal-Gran Mastru. Dan wasal eskortat minn skwadra ta' pulizija tat-traffiku u serbut twil ta' Karozzi. Kif wasal quddiem il-Kolleġjata inħaraq salut u l-Banda Konti Ruġġieru daqqet fanfarra minn fuq il-palk principali. Flimkien mal-Gran Mastru kien hemm ukoll l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan u l-Ordni it-Tabib Alexander Cachia Zammit.

Il-Gran Mastru imbagħad niżel il-Grotta akkumpanjat mill-Kapitlu immexxi mill-Arċipriet u hemm wara li ġie muri il-post ippreżenta xemgħa twila bl-arma tiegħu bħala rigal biex jitpoġġa f'dan is-santwarju. Hu imbgħad ittieħed iżur il-Kolleġjata u għamel ħin twil japprezża is-sbuħija ta' l-artal maġġur armat għall-Corpus.

Wara fost entużjażmu kbir minn naħa tal-folla, sparar u ħruq ta' sufarelli telaq eskortat kif ġie, mill-pjazza. Iż-żjara tiegħu f'Malta intemmet l-għada t-Tnejn 29 ta' Mejju 1989. Biż-żjara tiegħu isem il-Gran Mastru jibqa mniżżel b'ittri tad-deheb mal-elenku twil ta' viżitaturi distinti li żaru l-Grotta qaddisa fejn għex l-Appostlu Missierna San Pawl kemm dam fostna



*Il-Gran Mastru flimkien mal-Arċipriet fost ir-Rabtin*